KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 398 (8-26)

It-Tnejn 28 ta' Settembru 2020 fis-6.00 ta' filgħaxija

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi li jinsab fl-indirizz 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi, fis-sitta ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sindku Dominic Grech
Il-Viċi Sindku Rodianne Haber
Il-Kunsillier Alessia Psaila Zammit
Il-Kunsillier Julian Borg
Il-Kunsillier Adrian Farrugia
Il-Kunsillier Francine Farrugia

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

Il-Kunsillier Kurstein Nicholas Sant

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Ritienne Giorgino – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku preseda l-laqgħa.

**398.1** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

Inqrat l-ittra t'apoloġija tal-Kunsillier Kurstein Sant.

Is-Sindku talab li jinbidel l-ordni tal-aġenda, u propona li jiġi diskuss item 398.5 fuq l-aġenda.

**398.5** **Żvilupp ta' Triq Annabelle Vassallo**

Is-Sindku qal li flimkien mal-Kunsillier responsabbli mill-immaniġġjar tat-traffiku Adrian Farrugia, kienet saret laqgħa dwar il-proposti ta' żvilupp fi triq Annabelle Vassallo.
Minħabba n-natura teknika tas-suġġett, is-Sindku stieden żewġ esperti fil-qasam tal-immaniġġjar tat-traffiku biex jagħtu spjega dwar l-iżvilipp propost minn Infrastructure Malta f'din it-triq. Is-Sindku issospenda l-laqgħa.

Is-Sindku fetaħ il-laqgħa.

L-esperti kkonsultaw mal-Kunsill rigward punti mressqa diġa dwar kif ser tiġi milquta ż-żona u-r-residenti. L-esperti qalu li dan l-iżvilupp ser jagħmel impatt pożittiv lill-flow tat-traffiku mhux biss ta' dawn l-inħawi iżda b'effett fuq is-Siġġiewi kollu. Peress li l-bibien eżistenti qegħdin taħt il-livell tat-triq, ġie meqjus li jsiru rampi jew taraġ, dejjem inkluż fil-proġett ta' IM. Qed tingħata importanza lill-ilqugħ tal-ilma tax-xita fil-ġwiebi eżistenti u l-culverts li hemm fil-preżent.

Il-kunsillier Julian Borg qal li rigward permessi għax-xogħlijiet imsemmija, min ikun ser jagħmel ix-xogħol għandu japplika għal permessi neċessarji, f'dan il-każ Infrastructure Malta.

Il-kunsilliera Alessia Psaila Zammit semmiet li fis-snin passati kien sar studju dwar 'water catchment' f'din it-triq mill-Perit tal-Kunsill.

Is-Sindku qal li għalkemm hu favur konsultazzjoni mar-residenti, huwa fl-interess tas-Siġġiewi kollu li dan il-proġett isir. Is-Sindku propona li ssir laqgħa ta' informazzjoni mar-residenti fejn ikun spjegat fiex jikkonsisti dan l-iżvilupp u kif ser jiġu tackled il-punti li diġa tqajjmu minnhom. Il-Kunsill unanimament qabel li ssir laqgħa informattiva mar-residenti.

Is-Sindku preseda bil-laqgħa skond l-Aġenda.

**398.2** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

**398.2.1** Inqraw il-Minuti tas-Seduti 398. Is-Sindku ressaq il-Minuti għall-approvazzjoni.
Il-Viċi Sindku issekondat.
Il-Kunsill approva unanimament il-Minuti moqrija bħala dokument korrett.

**398.2.2** Inqraw il-Minuti tas-Seduti 397. Is-Sindku ressaq il-Minuti għall-approvazzjoni.
Il-Kunsillier Adrian Farrugia ssekondat.
Il-Kunsill approva unanimament il-Minuti moqrija bħala dokument korrett.

**Punti li joħorġu mill-Minuti**

**398.2.3** 398.3.4 Is-Sindku qal li l-Għaqda Brass Band bagħtet il-lista u l-irċevuti tal-ispejjeż kif mitluba. Il-kunsilliera Alessia Psaila Zammit ġibdet l-attenzjoni li kien hemm ineżattezza fil-Minuti preċedenti. Hija qalet li l-Kunsill qabel li jieħu parir legali biex jistabilixxi x'responsabilitá għandu lejn partners f'attivitajiet tiegħu meta titħassar attivitá u jistabilixxi kif jista' jassisti fl-sfond ta' qafas legali tal-Kunsill Lokali. Il-Kunsilliera Francine Farrugia qalet li f'każ li għaqda tingħata rimbors irid ikun hemm ekwivalenza bejn l-għaqdiet l-oħra.

**398.2.4** 398.4.3 Il-kunsilliera Alessia Psaila Zammit nnutat li kien hemm dettalji nieqsa mid-diskussjoni li kienet saret dwar l-laqgħat tal-kunsilliera mar-residenti. Fost oħrajn hi semmiet li kien hemm kummenti li għamel is-Sindku dwar il-media, il-fatt li talbet vot li s-Sindku ma riedx isejjaħ u li talbet lis-Sindku jgħid hux se jemenda l-skeda biex idaħħal il-kunsilliera kollha u baqgħet bla tweġiba ċara.

**398.2.5** 398.4.4 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kienet kkuntatjat lid-Dipartiment fuq jekk l-attivita' b'fondi personali mill-Vici Sindku setgħatx isir fil-binja tal-Kunsill. Hi qalet li bit-telefon ingħatat risposta li ma kien hemm xejn skorrett. Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit, Julian Borg u Francine Farrugia saħqu li tali deċiżjonijiet għandhom jintalbu bil-miktub mhux bit-telefon. Il-Viċi Sindku qalet li minn naħa tagħha ukoll iċċekjat mal-AKL telefonikament, li minn naħa tagħhom ikkonfermaw li ma nkisret l-ebda etika. Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit qalet li tali deċizjoni għandha tingħata bil-miktub mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali. Is-Sindku qal li jaqbel ma inizjattivi simili u ma jara xejn ħażin li daw jiġu reklamati fuq il-paġna tal-Kunsill Lokali, anzi jħeġġeġ azzjonijiet simili. Il-kunsilliera Alessia Psaila Zammit saħqet li kellu jkun hemm direzzjoni mid-Dipartiment dwar jekk l-facebook tal-Kunsill Lokali għandhiex tintuża għall-kampanji jew propoganda personali tal-kunsilliera u li din kienet l-materja prinċipali dwar xiex id-Dipartiment għandu jagħti gwida mhux raġunijiet oħra. F'dan ir-rigward, il-Viċi Sindku wieġbet li kienet qed tikteb dak il-ħin stess lid-DG għal direzzjoni u qed tistenna risposta. Il-kunsilliera Alessia Psaila Zammit qalet li l-Vici Sindku għandha taċċerta li ġġib risposta dwar l-argument prinċipali.

**398.2.6** 398.2.4 Il-Kunsilliera Francine Farrugia ġibdet l-attenzjoni li s-sitwazzjoni tal-ħsara għadha l-istess. Hija talbet li jerġa jsir rapport.

**398.2.7** 398.2 Il-Kunsilliera Francine Farrugia rreferiet għall-ftehim propost minn TCTC, u xtaqet kjarifika ta' kemm il-Kunsill ikun mitlub iħallas f'każ li jkun hemm nuqqas ta' applikanti. Is-Sindku qal li kif hemm miktub fl-agreement, jekk ma jkunx hemm 25 applikant, l-ammont jitħallas prorata. L-ammont għal materjal promozzjonali irid jitħallas għaliex xorta jkun sar. Huwa qal li il-ftehim huwa identiku għal dak li sar fis-snin preċedenti.

**398.2.8** 398.15.3 Il-Kunsillier Francine Farrugia staqsiet fuq din il-materja. Il-kunsillier Julian Borg qal li fl-istess triq diġa kienu saru rumble strips iżda dawn kellhom jitneħħew fuq talba tar-residenti stess. Il-Kunsilliera Farrugia proponiet li nitolbu suġġerimenti lil TM dwar speed calming measures f'żoni abitati bħal Triq il-Kbira.

**398.2.9** 398.9 Il-Kunsillier Julian Borg staqsa jekk kienetx intbagħtet id-deċiżjoni tal-Kunsill lill-Awtorita' tal-Artijiet. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li r-risposta intbagħtet u l-Perit tal-Kunsill qed jaħdem dwar l-applikazzjoni Gov1.

**398.2.10** 397 Il-Perit Julian Borg staqsa jekk is-sottomissjoni kienetx intbagħtet. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet fl-affermattiv.

**398.3** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**398.3.1** Is-Sindku preżenta ittra mingħand is-Sur J.Pace f'isem l-aħwa Pace, dwar publikazzjoni dwar ħuhom Grezzju Pace li miet fl-1989. Huma qed jitolbu lill-Kunsill biex jagħti kontribut fl-ispiża tal-ippublikar tal-ktieb u preżentaw stima ta' €3097.50. Qed jipproponu wkoll li Grezzju Pace jingħata l-Unur Onorefiċenza Mertu Siġġiewi u li tissemma triq ġdida 'Triq Grezzju Pace – 1940-1989 – edukatur u katekist'. Wara li ddiskuta l-kontenut tal-ittra, il-Kunsill qabel unanimament li:

- ma tistax tingħata 'sponsorship' iżda minflok jinxtraw ammont ta' kotba;
- rigward in-nomina għal Onorefiċenza, meta joqrob Jum is-Siġġiewi, kull Kunsillier jiġi mitlub jinnomina persuna għall-Unur Onorefiċenza Mertu Siġġiewi 2021, kif sar preċedentement;
- Isem Grezzju Pace jitqiegħed fil-lista ta' stennija għal-ismijiet ta' toroq ġodda fil-lokal u jiġi kkunsidrat meta jkun il-każ ta' tismija ta' triq.

**398.3.2** Is-Sindku preżenta korrispondenza mingħand il-Parroċċa San Nikola bis-suġġett restawr tal-Istatwa ta' San Nikola fil-Pjazza sussegwenti għal laqgħa li hu kellu mal-Arċipriet. Filwaqt li urew is-sodisfazzjoni għal proġett ta' restawr li ser isir mill-Kunsill, indikaw li l-istatwa kienet ikkummissjonata u anka ffinanzjata mill-Parroċċa snin ilu. Għal snin twal il-manutenzjoni tal-istess statwa sar dejjem mill-Parroċċa. Huma qalu wkoll li fl-inventarju tal-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali din l-istatwa bl-ebda mod mhi imniżla bħala Government property. Għalhekk, huma qed jitolbu li jinżammu infurmati u aġġornati f'kull mument tal-proġett u l-istatwa tiġi rikonoxxuta uffiċjalment bħala propjeta' tal-Parroċċa. Is-Sindku qal li fil-proċess tal-applikazzjoni tal-Miżura 2, meta saret ir-riċerka dwar l-istatwa, l-Awtorita' tal-Artijiet indikat li meta ma jinstabx min hu s-sid uffiċjali ta' propjeta, din tittieħed bħala propjeta' tal-Gvern bħal ma ġara f'dan il-każ. Huwa qal li l-Kunsill minn dejjem ħadem id f'id mal-Parroċċa għal ġid tal-lokal, u għalhekk ma jsib l-ebda oġġezzjoni biex issir ħidma konġunta mal-Parroċċa u l-għaqdiet interessati fl-eżekuzzjoni tax-xogħolijiet.

**398.3.3** Is-Sindku infurma li l-applikazzjonijiet għas-sejħa ta' Clerk fuq skala 15 issa kienu għalqu. Huwa talab lill-membri tal-Adjudication Board biex jiftehmu data u ħin biex isiru l-interviews lill-applikanti li għandhom il-kwalifiki minimi rekwiżiti mill-Liġi.

**398.3.4** Is-Sindku propona li jiġi ppublikat fuljett informattiv bil-ħidma li qed iwettaq il-Kunsill, kif ukoll pjan ta' attivitajiet, korsijiet u proġetti biex ir-residenti jkunu dejjem aġġornati, fejn kull kunsillier jingħata spazju biex jikteb artiklu dwar il-ħidma tiegħu. Huwa propona li dan jinħareġ kull kwart tas-sena.

**398.4** **Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Ma kienx hemm mistoqsijiet.

**398.6** **Tenders**

**398.6.1** Is-Sindku infurma li t-tender '*Cleaning and opening and closing of Public Conveniences in the Locality of Siġġiewi using Environmentally friendly products*', referenza LCS7/19, inħareġ u s-sejħa tagħlaq fit-12 t'Ottubru 2020.

**398.6.2** Is-Sindku infurma li beda l-proċess għall-ippublikar tat-tender '*Restoration of Statue of St. Nicholas including pedestal base in Siġġiewi under Measure 1 of the LEADER programme*' referenza LCS10/20/1.

**398.6.3** Is-Sindku informa li l-Kuntrattur attwali tal-Kuntratt LCS11/18 '*Cleaning and Clearing of urban and Surfaced Non-Urban Roads using Environmentally Friendly Measures*',

infurmana verbalment li minħabba raġunijiet ta' saħħa ma jistax ikompli jagħti s-servizz u talab li malli jkun possibbli jieqaf. Is-Sindku propona li jibda l-proċess ta' tendering għal dan il-kuntratt. Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit talbet li jiġu ċċekjati l-kundizzjonijiet fil-kuntratt f'dan il-każ u jiġi nvolut l-avukat tal-Kunsill Lokali biex l-Kunsill jaċċerta li qed isegwi proċeduri legali sew u fuq parir legali professjonali. Il-Kunsill unanimament qabel.

**398.7 Approvazzjoni ta' akkumular ta' Vacation Leave tas-Segretarju Eżekuttiv għas-sena 2020-2021**

Is-Sindku ressaq it-talba tas-Segretarju Eżekuttiv biex iġġedded 108 siegħa vacational leave mis-sena 2020 għas-sena 2021, skond l-artiklu 3.1.5 u 3.1.9 tal-*Public Service Management Code*. Is-Sindku qal li minħabba esiġenzi ta' xogħol dan il-bilanċ ma jistax jittieħed din is-sena u għalhekk qed jipproponi li l-Kunsill japprova it-tiġdid. Il-Kunsill unanimament approva.

**398.8 Mozzjoni biex tiġi imfassla u ppublikata skeda li tinkludi lill-Kunsillier kollha u bi ġranet u ħinijiet meta jiltaqgħu mar-residenti tas-Siġġiewi fil-binja tal-Kunsill Lokali**

Mozzjoni:
*Billi it-tmexxija tal-Kunsill Lokali qegħda torganizza fil-binja tal-Kunsill Lokali u permezz tal-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali, skeda biex il-kunsilliera jiltaqgħu mar-residenti.*

*Billi waqt l-aħħar seduta tat-Tnejn 31 t'Awwissu 2020, tlett kunsilliera, Alessia Psaila Zammit, Julian Borg u Francine Farrugia insistew Ii l-iskeda tkun tinkludi lill-kunsilliera kollha ndaqs u ma teskludihomx ħabba l-fehma jew grupp politiku tagħhom kif kien diġa' seħħ bi skeda Ii dehret fuq facebook u Ii huma ma kienux ġew nfurmati dwarha.*
*ħ*
*Billi wara s-seduta provdew il-ħinijiet u ġranet meta huma disposti jiltaqgħu mar-residenti.*

*Billi t-tlett kunsilliera hawn fuq imsemmija, għamlu wkoll talba bil-miktub lis-Segretarju Eżekuttiv u lis-Sindku biex tiġi ppublikata skeda Ii tinkludi l-kunsilliera kollha ndaqs.*

*Billi din l-iskeda bil-kunsilliera kollha baqgħet ma ġietx ppublikata mit- tmexxija tal-Kunsill Lokali.*

*Billi sabiex isiru dawn l-appuntamenti qed jintużaw riżorsi tal-Kunsill Lokali fosthom Ii qed jigu kkordinati l-appuntamenti mis-Segretarju Ezekuttiv/l- amminstrazzjoni tal-Kunsill Lokali u għalihom qed tintuza l-binja tal-Kunsill Lokali.*

*Billi ghalhekk din l-iskeda m'għandhix tintuża għal skop politiku partiġġjan meta qed jintużaw riżorsi tal-Kunsill Lokali biex titħaddem.*

*Billi l-pubbliku għandu jkun nfurmat bl-skeda sabiex ikun jista' jiltaqa' mal- kunsilliera kollha u mhux dawk ta' grupp politiku wieħed biss.*

*Il-Kunsill Lokali mlaqqa ' llum, it-Tnejn 28 ta' Settembru 2020 jirriżolvi Ii:*

*Titfassal skeda Ii tinkludi lill-kunsilliera kollha u Ii jkun fiha l-isem, ġurnata u ħin Ii provda kull kunsillier biex jiltaqa' mar-residenti.*

*L-iskeda tiġi ppublikata fuq il-facebook page tal-Kunsill Lokali Siġġiewi u kull mezz ieħor li juża l-Kunsill Lokali għall-promozzjoni tal-attivitajiet/inizjattivi tiegħu.*

Mozzjoni proposta mill-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit u ssekondata mill-Kunsilliera Julian Borg u Francine Farrugia.

Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv taqra il-mozzjoni kif preżentata. Wara li inqrat il-mozzjoni, is-Sindku qal li ma kienx hemm lok ta' diskussjoni peress li dan is-suġġett ġie diskuss fis-Seduta preċedenti. Hu qal li diġa kien esprima l-opinjoni tiegħu li kulħadd għandu l-opportunita' li jagħti l-kontribut versu l-ġid tar-residenti. Huwa qal li ma jaqbilx mal-istatement 'laqgħat politiku partiġġjani' kif indikat fil-mozzjoni, iżda li dawn il-laqgħat huma miftuħa għal kullmin jitlob li jiltaqa' mal-Kunsilliera irrilevanti l-opinjoni politika tal-individwu.

Il-Kunsilliera Francine Farrugia qalet li hi qatt ma ġiet avviċinata biex tingħata lok biex tiltaqa' mar-residenti. Hija qalet li la qed tintuża l-binja tal-Kunsill għandu jiġi inkluż kulħadd. Hija qalet li la ġew mistiedna erbgħa Kunsilliera biss juri biċ-ċar li d-deċiżjoni kienet waħda politika partiġġjana. Hija qalet li l-Kunsill kompost minn sebgħa kunsilliera, u kollha għandhom ikunu inklużi.

Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit qalet li ma taqbilx ma' li qal is-Sindku li m'hemmx lok għal diskussjoni. Hija qalet li t-talba tal-Kunsilliera li tiġi ppublikata l-iskeda kompleta għandha tiġi milqugħa għax hekk titlob it-trasparenza tal-Kunsill, jiġifieri li l-pubbliku jkollu informazzjoni dwar l-ħinijiet tal-Kunsilliera kollha u mhux tal-kunsilliera tal-Partit Laburista biss. Kompliet li s-Sindku kien żbalja meta ppublika skeda bil-kunsilliera tal-Partit Laburista biss u ħalla ghal kollox barra kunsilliera tal-PN. Hi qalet li s-Sindku flok irranġa l-iżball billi inkluda l-kunsilliera kollha fl-iskeda kien qed jippersisti bl-iżball, u l-materja qed tibqa' teskala, b'konsegwenza li jġib firda fil-komunitá. Hi qalet li l-mozzjoni kellha ssir għax is-Sindku ma riedx isejjaħ vot fil-laqgħa preċedenti, għalhekk tressqet il-mozzjoni biex il-Kunsill jieħu deċizjoni ċara b'votazzjoni fuq jekk hux se jkun Sindku li jgħaqqad jew Sindku li jkompli jiżra firda.

Il-Kunsillier Julian Borg qal li għadha ma ingħatatx raġuni għala kien hemm din id-deċiżjoni minn naħa tas-Sindku li t-tlett Kunsilliera tal-Partit Nazzjonalista jiġu esklużi minn din l-iskeda.

Is-Sindku talab li jittieħed vot fuq il-mozzjoni:

Votazzjoni:
3 favur (il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit, Julian Borg u Francine Farrugia)
3 kontra (Is-Sindku, il-Viċi Sindku u l-Kunsillier Adrian Farrugia)

Is-Sindku uża l-casting vot u vvota kontra.
Għalhekk il-mozzjoni m'għaddietx b'4 voti kontra.

**398.9** **Materji konnessi mal-Awtorita' tal-Ippjanar**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat lista ta' applikazzjonijiet li daħlu mal-Awtorita' tal-Ippjanar biex isir xi tip ta' żvilupp fis-Siġġiewi.

Wara li raw il-lista preżentata, inġibdet l-attenzjoni fuq dawn l-applikazzjonijiet:

PA/04826/19 - L-Arka ta' Noe, Triq Bur ix-Xewk, Triq tal-Ghaqba, off, Triq il-Muza, Siggiewi. Sar qbil li jintalbu pjanti lill-Perit tal-Kunsill ta' x'qed jiġi propost fl-applikazzjoni.

PA/06139/20 - Girgenti Palace, Triq il-Girgenti, Siggiewi
*Alterations to palace to remove accretions*

*PA/05844/20 - Our Lady of Mount Carmel Chapel, Ta' L-Ahrieq, Fawwara, Siggiewi Restoration of chapel and annexed rooms*

**398.10 Rapport tal-Korrispondenza**

Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżentat ir-rapport tal-korrispondenza li l-Kunsill irċieva bejn l-aħħar Seduta u llum.

**398.11 Rapport tal-ilmenti**

Is-Segretarju ppreżentat ir-rapport tal-ilmenti li l-Kunsill irċieva bejn l-aħħar Seduta u llum.

**398.12 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda tal-pagamenti.

Is-Sindku propona li l-Kunsill japprova il-lista tal-pagamenti. Il-Viċi Sindku issekondat u l-Kunsill approva l-iskeda tal-pagamenti b'mod unanimu.

**398.13 Items oħra ta' xogħol ieħor li jkun meħtieġ**

**398.13.1** Il-Viċi Sindku talbet li tinżeba 'Stop sign' fi Triq Ġużeppi Agius għal Triq Nicola Saura.

**398.13.2** Hija infurmat li flimkien mal-Kunsilli taż-Żgħażagħ u tat-tfal qed jaħdmu fuq attivita' ta' fund raising biex jinxtraw vouchers għal neutering. Hija qalet li qed tistħarreġ ma' Animal Welfare jekk hux ser ikun hemm għajnuna fil-futur qarib dwar dan. Hija qalet li għad ma kien hemm l-ebda risposta rigward l-applikazzjoni LC Care.

**398.13.3** Il-Kunsillier Adrian Farrugia talab li titwaħħal tabella biex ma jarmux skart maċ-ċint faċċata tal-ħanut Die Ecke fi Triq Mons Mikiel Azzopardi peress li qed jieqfu anka nies bil-vetturi u jħallu l-borża tal-iskart hemmhekk.

**398.13.4** Huwa qal li hemm bozza maqtugħa fil-passaġġ ta' wara l-mitħna fi Triq Sta. Margerita, kif ukoll fakkar dwar is-siġra fil-parapett ta' ħanut abbandunat fi Triq it-Tabib Nikola Zammit ma' Triq Kirċippu li qed tagħmel ħsara f'wires.

**398.13.5** Il-Kunsillier Farrugia talab li jiġi kkonfermat jekk it-tfal hux qed ikollom Mużew minħabba l-one-way fi Triq il-Knisja l-Qadima.

**398.13.6** Il-Kunsillier Julian Borg qal li għamel spezzjoni fuq il-post mas-Sindku rigward talba għal bankina quddiem residenza fi Triq Ramija li minħabba vetturi li jipparkjaw quddiem il-bieb, ir-residenti jispiċċaw imsakkrin f'darhom. Huwa qal li ser jgħaddi d-dettalji lis-Segretarju Eżekuttiv biex tiproċedi mal-Kuntrattur.

**398.13.7** Il-Kunsillier Julian Borg qal li fi Triq Nicola Saura, meta jsir parkeġġ fuq iż-żewġ naħat tat-triq, il-karreġġata tiġi singola u ristretta ħafna biex jgħaddi t-traffiku. Huwa talab il-possibilita' li jsir yellow line naħa waħda tat-triq.

**398.13.8** Huwa saqsa dwar diversi tabelli u mirja li kellhom jinbidlu u għadhom ma sarux. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li dawn diġa ordnati u qed tistenna data mill-Kuntrattur meta ser isir ix-xogħol.

**398.13.9** Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit qalet li fi Triq Ramija inħareġ ammont kbir ta' skart ta' kostruzzjoni inkluż gypsum boards, xkejjer bil-materjal u knaten.

**398.13.10** Hija qalet ukoll li fil-bajja ta' Għar Lapsi tajjeb li ikun hemm puġġaman għall-anzjani mas-sellum biex jgħinhom jitilgħu mill-baħar.

**398.13.11** Il-Kunsilliera Francine Farrugia staqsiet jekk kienx hemm risposta jew approvazzjoni tal-proposta tat-traffiku fi Triq it-Tabib Nikola Zammit. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li minkejja li intbagħtu diversi reminders għad m'hemm l-ebda risposta bid-deċiżjoni.

**398.13.12** Il-Kunsilliera Francine Farrugia irreferiet għal post li ttella' fuq il-facebook page li ser isir xogħol minn Infrastructure Malta fi Triq il-Wied u għalhekk din ser tkun magħluqa. . Hija qalet li mhux kulħadd għandu aċċess għal facebook speċjalment bdiewa li jaċċessaw din it-triq u għandu jsir avviż fuq il-post minn qabel. Hija talbet biex tiġi nfurmata l-awtorita' li ser tagħmel ix-xogħol dwar dan.

**398.13.13** Hija ġibdet l-attenzjoni dwar ħsara fil-bandli ta' Nalizpelra. Proponiet li l-bandla mkissra tiġi magħluqa biex nevitaw li jweġġa xi ħadd sakemm tissewwa.

**398.13.14** Il-Kunsilliera Francine Farrugia semmiet il-Premju Soċjeta' Ġusta li tagħlaq fl-20 ta' Novembru 2020. Hija proponiet li jiġi nominat Fr. Martin Micallef, Direttur tad-Dar tal-Providenza.

**398.13.15** Il-Kunsillier Francine Farrugia rreferiet għal komunikat mill-Għaqda Każini tal-Baned, sabiex il-Festa Maltija tiġi rikonoxxuta bħala Wirt Kulturali Intanġibbli fil-Lista Rappreżentattiva tal-Umanità tal-UNESCO. Is-Sindku qal li din kienet intbagħtet lis-Sindki mill-AKL (Cir AKL 2020/108 Il-Festa bħala Wirt Intangibli Dinji), u li kien ta l-assistenza mitluba.

**398.13.16** Il-Kunsilliera Francine Farrugia ġibdet l-attenzjoni li partijiet minn Triq l-Għid kienu qed jisfrondaw. Hija qalet ukoll li hemm partijiet minn Triq il-Muża għandhom wiċċ biż-żrar u talbet li ssir talba lill-Infrastructure Malta biex jingħataw wiċċ bl-asphalt.

**398.13.17** Hija semmiet il-biċċa art quddiem il-ground tal-football li mimlija ħaxix ħażin u skart ieħor u l-possibilta' li din diġi imnaddfa u rranġata bis-siġar.

**398.13.18** Il-Kunsilliera Francine Farrugia proponiet li jsir taħwil ta' siġar f'roundabouts jew area vojta peress li bħalissa huwa ż-żmien adattatat.

**398.14** **Tmiem tal-laqgħa u aġġornament**

Il-laqgħa intemmet fid-8.45 ta' filgħaxija.

Is-Sindku propona li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 26 t'Ottubru 2020 fis-6.00 ta' filgħaxija. Il-Kunsill unanimament qabel.

Konfermati, illum 26 t'Ottubru 2020

Dominic Grech
Sindku

Ritienne Giorgino
Segretarju Eżekuttiv